MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2003

Numru.

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ernest Farrugia**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ernest Farrugia talli fis-7 ta' Settembru 2000, ghall-habta tal-5.50pm:
**(1)** kien u kkacja gewwa r-riserva naturali fuq l-gholjiet ta' Cenc, Ghawdex;
**(2)** talli kellu aktar minn zewg skratac fil-magazine ta' l-arma; u aktar
**(3)** kellu munizzjon jew skratac b'comb ta' aktar minn 3.2mm dijametru;
L-ewwel qorti giet mitluba tordna l-konfiska ta' l-arma u cioe` senter Benelli bin-numru tas-serje M154762, cinturin

b’27 skartocc, horga bi 8 skartocc u hamest iskratac li kienu fl-arma, kif ukoll tromba, u li tiskwalifika lill-akkuzat milli jottjeni jew ikollu licenzja tal-kacca jew ghaz-zamma ta’ armi ghall-zmien ta’ mhux aktar minn sena;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-13 ta’ Marzu 2002, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Ernest Farrugia hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, ikkundannatu multa ta’ tlett mitt lira (Lm300) u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tal-kacca ghal zmien sena; inoltre ordnat il-konfiska ta’ l-oggetti esebiti fis-seduta tas-17 ta’ Ottubru 2001 (u cioe` senter M154762 tal-marka Benelli, cinturin bi tmienja w ghoxrin (28) skartocc, horga bi tnax-il (12) skartocc, u tromba bil-*pouch* iswed);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Ernest Farrugia, minnu ppresentat fil-25 ta’ Marzu 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta’ l-appellant hu li hu ma setax jinstab hati tar-reati ipotizzati fit-tlett imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. In partkolari huwa jikkontendi li ma kienx hemm provi li juru li huwa kien qed jikkacca fil-konfini ta’ riserva naturali. Mill-kumpless tal-provi, u senjatament mid-deposizzjonijiet tal-Kuntistabbli Michael Portelli u Alfred Grech, kif ukoll mid-deposizzjoni tas-Supretendent Paul Sammut, jirrizulta abbundantement car li l-appellant kien fl-fatt qed jikkacca gewwa r-riserva naturali f’Ta’ Cenc, Ghawdex. Hu mhux biss kien armat b’senter ikkargat, izda gewwa l-barzakka instabu wkoll zewg gamimiet mejta. L-unika imputazzjoni li ma tirrizultax sodisfacentement pruvata hija t-tielet imputazzjoni, cioe` dik dwar id-daqs tac-comb.

It-tieni aggravju hu li ma ngabet ebda prova li s-senter (li kien qed juza u li gie konfiskat mill-ewwel qorti) kien ta’ l-appellant u li ghalhekk din l-istess arma ma setghtex tigi konfiskata. Din il-Qorti, pero`, tosserva li r-regolament

25(3) tal-A.L. 146 ta’ l-1993 japplika *mutatis mutandis* l-Artikolu 23(1) tal-Kodici Kriminali ghal procedimenti rigward reati kontra r-Regolamenti (ta’ l-1993) dwar il-Harsien ta’ l-Ghasafar u tal-Fenek Selvagg. Biex tigi ordnata l-konfiska taht is-subartikolu (1) tal-Artikolu 23 imsemmi ma hux rikjest li ssir il-prova li l-oggett ikun proprjeta` tal-hati; dak li tghid din id-disposizzjoni hu semplicement li l-konfiska m’ghandhiex issehh jew tigi ordnata jekk jirrisulta li *“…persuna, li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oggetti”*. Fi kliem iehor, trid issir il-prova jew irid b’xi mod jirrizulta li xi persuna ohra kellha xi jedd (normalment tkun il-proprjetarja) ta’ dak l-oggett. U, s’intendi, tali jedd irid ikun jezisti fid-data tal-kommissjoni tar-reat u mhux f’xi zmien wara, ghax altrimenti jkun facli ghall-malintenzjonat li, wara li jkun ikommetta reat bl-uzu ta’ oggett partikolari ibiegh dak l-oggett, anke jekk diga mizmum mill-Pulizija jew taht l-awtorita` ta’ xi qorti, lil persuna ohra bl-iskop proprju li tigi evitata l-konfiska meta eventwalment tinghata s-sentenza. Issa, f’dawn il-proceduri la xehed l-appellant u anqas huh. Giet ezibita mill-prosekuzzjoni licenzja ghaz-zamma ghall-kacca ta’ diversi armi (fosthom is-senter Benelli M154762) f’isem Marco Farrugia. Din il-licenzja, pero`, tirreferi ghas-sena 2001 u mhux ghas-sena 2000. Ghalhekk ma jistax jinghad li hemm xi prova li fis-7 ta’ Settembru, 2000 xi hadd li ma kienx ha sehem fid-delitt kellu xi jedd fuq is-senter li gie elevat minghad l-appellant f’dik il-gurnata.

It-tielet aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda l-piena, li huwa jqis li kienet wahda severa zzejjed. Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx. Indipendentement mill-fedina penali ta’ l-appellant, din il-Qorti hi tal-fehma li r-reat ta’ min jikkacca f’riserva naturali huwa reat serju hafna ghax igib fix-xejn l-isforzi kollha tas-socjeta` biex tipprova tissalvagwardja l-wirt naturali (fir-rigward ta’ ghasafar u tal-fenek selvagg) ghall-generazzjonijiet futuri. M’ghandhomx jintesew ukoll ir-risorsi kbar li, sfortunatament, ikollhom jigu applikati (l-aktar mill-Korp tal-Pulizija) biex jassiguraw l-osservanza tal-ligi galadarba ghad hawn min hu determinat li jivvjola dawn is-santwarji.

Ghall-motivi premessi, din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant Ernest Farrugia hati skond it-tielet imputazzjoni, u ghalhekk tlliberah minn din it-tielet imputazzjoni, izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija (u cioe` fir-rigward tas-sejbien ta' htija fuq iz-zewg imputazzjonijiet l-ohra, fir-rigward tal-multa inflitta kif ukoll ta' l-iskwalifika u tal-konfiska). L-iskwalifika mill-licenzja tal-kacca ghal zmien sena tibda tiddekorri mill-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------